MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Numru 272/2005

**App Nru 272/2005 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paschalino Cefai**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paschalino Cefai talli:

**1.** fis-16 ta’ Marzu 2004, ghall-habta tal-5.30 ta’ filghaxija, fiz-Zebbug, Ghawdex, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara f'karozza tal-ghamla Ford Escort, van, li ggib in-numru tar-registrazzjoni FBG-872 a detriment ta' Joseph Portelli miz-Zebbug, Ghawdex, liema ammont ta' hsara huwa ta' izjed minn hames mitt lira; ghamel hsara f'mutur tal-ghamla Honda XR600 bin-numru tar-registrazzjoni KBC-459 a detriment ta' Lewis Vella miz-Zeggug, Ghawdex, liema ammont ta' hsara jiskorri l-hamsin lira izda ma jiskorrix il-hames mitt lira; u ghamel hsara wkoll f'karozza tal-ghamla Citroen Xantia li ggib in-numru tar-registrazzjoni KAT-794 a detriment ta' John Galea miz-Zebbug, Ghawdex, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hamsin lira – Artikolu 325, Kodici Kriminali; u

**2.** aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbbliku – Artikolu 338(dd), Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-13 ta' Settembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Paschalino Cefai hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu "ghal piena karcerarja komplessiva ta' erbatax-il (14) xahar", kif ukoll obbligatu sabiex ma jimmolestax, ikellem u ma jingurjax lil Joseph Portelli ghal periodu ta' sena "mil-lum" (cioe` mid-data ta' dik l-istess sentenza) taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas, u dan skond l-Artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Paschalino Cefai, minnu ppresentat fid-29 ta' Settembru 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament erba' aggravji, li ser jigu trattati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizjju tas-7 ta' Marzu 2005 (fol. 87) l-Avukat Generali, meta indika d-dispozizzjonijiet tal-ligi li tahthom setghet tinstab htija fil-konfront ta' l-appellant – allura imputat – huwa indika l-Artikolu **325(a)** tal-Kodici Kriminali

meta d-disposizzjoni tal-ligi kellha taqra **325(1)(a)**. Frankament din il-Qorti ma tifhimx kif dan is-suppost l-ewwel aggravju jista' b'xi mod ighin lill-appellant. Huwa veru li l-avukat, mill-Ufficcju ta' l-Avukat Generali, li rrediga n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju donnu ghadu qed juza verzjoni tal-Kodici Kriminali ta' qabel l-emendi introdotti bl-Att III tas-2002 (meta dahal is-subartikolu (2) tal-Artikolu 325, b'mod li dak kollu li kien hemm qabel gie inkorporat f'subartikolu gdid, is-subartikolu (1)) – u dan xejn ma jawgura ghall-precizjoni li tant hija mehtiega f'materja ta' processi bhal dawn. Izda huwa evidenti wkoll li dan huwa semplici *lapsus* li b'ebda mod ma jincidi fuq l-intenzjoni cara ta' l-Avukat Generali li jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat ghar-reat ta' hsara volontarja fejn l-ammont ta' hsara huwa ta' izjed minn hames mitt lira.

It-tieni aggravju hu fis-sens li fis-sentenza appellata, meta l-ewwel qorti indikat, fid-*decide*, id-disposizzjonijiet tal-ligi kif mehtieg mill-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, hija rriferiet ghall-Artikolu **325(1)(c)** tal-Kodici Kriminali – cioe` indikat specifikatament il-paragrafu (c) u mhux il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 325. Il-paragrafu (a) jirreferi ghall-meta l-ammont tal-hsara jkun ta' aktar minn hames mitt lira (bil-piena tvarja minn minimu ta' tlettax-il xahar ghal massimu ta' erba' snin) mentri l-paragrafu (c) jirreferi ghal meta l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri l-hamsin lira izda jkun izjed minn ghaxar liri (bil-piema li hija ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur). L-abbili difensur ta' l-appellant argumenta li dana jfisser li l-ewwel qorti kienet qed tirridimensjona r-reat ta' hsara volontarja li tieghu kienet qed issib lill-imputat hati, fis-sens li kienet bhala fatt qed tghid li l-ammont ta' hsara kkagunata ma kienitx teccedi l-hamsin lira. L-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Stephen Tonna Lowell (li deher quddiem din il-Qorti ghall-finijiet ta' dana l-appell – izda li ma kienx hu l-firmatarju tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju aktar 'l fuq imsemmija) min-naha tieghu argumenta li dan kien semplici *lapsus calami*. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li <u>f'dan il-kaz</u> anke jekk wiehed ighid li dan kien *lapsus calami*, xorta wahda mhux ghal kollox car x'kien l-ammont ta' hsara kkagunata f'kull vettura imsemmija fl-ewwel imputazzjoni. Huwa veru li jekk

wiehed jara r-ritratti tal-vettura ta' Portelli wiehed ghandu jasal ghall-konkluzzjoni li l-ammont ta' hsara certament kien ta' aktar minn hamsin lira; pero` jista' jinghad ukoll b'daqshekk certezza li kien ta' aktar minn hames mitt lira? Id-dokumenti a fol. 22 u 24 – li jidhru li huma wahda ircevuta u l-ohra stima – qatt ma gew konfermati minn min harighom (a differenza ta' l-ircevuta a fol. 23, fejn il-valur huwa ta' Lm190, u li giet konfermata minn Raymond Axiaq a fol. 56). Lewis (jew Louis) Vella, is-sid tal-mutur Honda, ezibixxa stimi ta' *spare parts* – fol. 73 u 74 – li jindikaw ammont ta' aktar minn hames mitt lira – pero` l-imputazzjoni originali fir-rigward ta' dan il-mutur, u li qatt ma giet korretta, kienet tghid li l-hsara kagunata fih kienet tiskorri l-hamsin lira <u>izda ma kienitx tiskorri l-hames mitt lira</u> (ara fol. 1 ta' l-atti). Huwa veru li f'parti minnha s-sentenza appellata tghid li l-ewwel qorti kienet qed issib lil Paschalino Cefai hati ta' "l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu", izda immedjatament qabel dik il-qorti qalet ukoll li kienet qed tara "l-artikoli tal-ligi <u>partikolarment</u> l-Artikolu 325(c)" [**<u>recte</u>:** 325(1)(c), u sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali]. L-ewwel qorti, inoltre, fil-konsiderandi taghha ma ghamlet ebda referenza ghall-kwistjoni ta' l-ammont ta' hsara. Ghalhekk, din il-Qorti, filwaqt li sejra tqis ir-referenza ghall-paragrafu (c) bhala *lapsus calami* ta' l-ewwel qorti, sejra wkoll tikkonsidra li l-ammont ta' hsara kagunata ma kienitx tiskorri l-hames mitt lira izda kienet tiskorri l-hamsin lira, u li ghalhekk fil-kaz in dizamina huwa applikabbli <u>l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 325</u> – b'mod ghalhekk li l-piena applikabbli, f'kaz ta' htija, ghandha tkun <u>minn minimu ta' hames xhur sa massmu ta' sena</u>.

It-tielet aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-ewwel qorti waslet ghal konkluzzjoni totalment zbaljata fuq il-fatti li kellha quddiemha. Huwa jilmenta li bran partikolari tas-sentenza sposta – jew donnu sposta b'mod sottili – l-oneru tal-prova ghal fuqu; li l-provi indizzjarji kienu ekwivoci u mhux univoci, mentri hu kien dejjem konsistenti fil-versjoni li ta; u li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz is-sejbien ta' htija tieghu kien *unsafe and unsatisfactory* u li zgur li din il-Qorti ta' l-Appell kien ser ikollha *a lurking doubt* dwar il-htija tieghu, b'mod ghalhekk li huwa kellu jigi

liberat – referenza evidenti, din, ghall-principju enuncjat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-7 ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet ***The Police v. Michael John Turner***. Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, u wara li ezaminat attentament l-argumenti kollha mressqa mill-appellant taht il-kappa ta' dana l-aggravju (sia l-argumenti fir-rikors ta' appell kif ukoll l-argumenti fit-trattazzjoni orali) hija tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba l-konluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. Il-qofol tal-kwistjoni kollha hija jekk il-fatti grawx kif qed ighid Joseph Portelli – u cioe` li kien l-appellant li waqaf, dawwar iz-ziemel bis-serkin fid-direzzjoni tal-vettura ta' Portelli, canfar deliberatament liz-ziemel bir-riedni b'mod li dan tela' fuq il-vettura ta' Portelli u ghamillu hafna hsara fiha, u wara z-ziemel sfratta u telaq jigri u ghamel hsara f'vetturi ohra – jew kif qed ighid l-imputat – u cioe` li Portelli baqa' diehel minn wara fuq is-serkin, qalbu (cioe` lill-appellant) minn fuq is-serkin, u "is-serkin spicca fuq il-karozza u z-ziemel ukoll" (ara l-istqarrija a fol. 20). Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-natura u l-posizzjoni tal-hsarat riskontrati fuq il-vettura ta' Portelli huma inkompatibbli mal-verzjoni ta' l-appellant izda huma perfettament kompatibbli mal-verzjoni ta' Portelli. Infatti, din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, ma tistax tifhem kif, jekk Portelli baqa' diehel bis-sahha fuq is-serkin minn wara ta' l-istess serkin, mhux biss is-serkin spicca fuq il-vettura izda anke z-ziemel – apparti l-fatt illi kieku d-daqqa kienet tant qawwija kif qed jipprova jaghti x'tifhem l-appellant, l-appellant kien jispicca imwegga' serjament. B'daqqa fuq wara tas-serkin iz-ziemel kien, se mai, jisfratta u jibqa' sejjer bid-dritt il-quddiem, u mhux b'xi mod idur fi triq li (kif ighid l-istess appellant) kienet pjuttost dejqa u difficli ghal ziemel b'serkin biex jaghmel *u-turn* [1], u jispicca fuq il-*bonnet* tal-vettura ta' Portelli u fuq il-*windscreen*. Mill-banda l-ohra, il-hsarat riskontrati kemm fis-serkin kif ukoll il-griehi li sofra z-ziemel (li eventwalment kellu jinqatel fuq ordni tal-veterinarju) huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, kompatibbli ma' sitwazzjoni fejn, wara li l-istess ziemel iddawwar biex ikun jista' jitla' fuq il-vettura ta' Portelli, dana sfratta u baqa' sejjer jigri bla kontroll. Sinjifikanti wkoll huwa l-ammont ta' xaghar taz-ziemel misjub fuq

[1] Ara wkoll l-iskizz tal-Pulizija a fol. 33.

quddiem tal-vettura ta’ Portelli u specjalment mal-*windscreen* imkisser, skond kif iddeponew PS 1424 Mario Sciberras (fol. 29 *et seq.*), PS 369 Joseph Mizzi (fol. 57) u l-Avukat Dott. Kevin Monpalao (fol. 95a *et seq.*) – indikazzjoni cara li z-ziemel gie f’kuntatt dirett mal-vettura, kuntatt li seta sar biss jekk iz-ziemel kien gie mdawwar biex ihares fid-direzzjoni ta’ l-istess vettura. Ghalhekk dana l-aggravju ta’ l-appellant qed jigi respint.

Ir-raba’ u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena, li huwa, bla pregudizzju ghall-aggarvji l-ohra, iqis li kienet eccessiva. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi tal-fehma li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll tenut kont ta’ l-antecedenti penali ta’ l-appellant, f’dan il-kaz l-unika piena adatta hija dik karcerarja b’effett immedjat. Pero`, in vista da dak li nghad in konnessjoni mat-tieni aggravju – u cioe` li l-ammont tal-hsara ghandha tkun kunsidrata li kienet ma tiskorrix il-hames mitt lira izda tiskorri l-hamsin lira – ghandu neccessarjament ikun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti, inoltre, tenut kont tal-periodu ta’ prigunerija li ghalih ser jigi kkundannat l-appellant, ma tarax li hemm xi skop li jkun hemm ukoll il-garanzija taht penali ghal periodu ta’ sena.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, kif ukoll fejn ikkundannatu “ghall-piena karcerarja komplessiva ta’ erbatax-il (14) xahar” u obbligatu taht l-Artikolu 383(1) tal-Kap. 9 ghall-periodu ta’ sena, <u>u minflok</u> issibu hati skond l-ewwel imputazzjoni b’dan pero` li l-ammonta tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lira izda kien izjed minn hamsin lira, u tikkundannah (fir-rigward kemm ta’ l-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni) ghall-piena ta’ disa’ (9) xhur prigunerija mill-lum; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------